



## II-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18 II 2014  
C(2014) 649 finali

*Sur President,*

*Il-Kummissjoni tixtieq tirringazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru {COM(2013) 409 finali}.*

*Il-Kamra tad-Deputati tqis li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li għamlet il-proposta tagħha dwar il-Blokk ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali (Functional Airspace Blocks, FABs) mingħajr ma tkalli lil miżuri preċedenti tal-UE jidħlu fis-seħħ u mingħajr ma ppreżentat każ ta' sikurezza.*

*Wara li eżaminat l-Opinjoni Motivata, il-Kummissjoni tixtieq tirrimarka li l-kwistjoni tal-FBAs mhijiex parti mill-proposta tal-Kummissjoni COM(2013) 409 finali. Kwistjonijiet relatati mal-FBAs huma indirizzati fi proposta oħra tal-Kummissjoni {COM(2013) 410 finali}. Peress li l-Parlament Malti ħareġ ukoll Opinjoni Motivata separata dwar dik il-proposta, il-Kummissjoni indirizzat il-kwistjoni tal-FBAs fit-tweġiba għall-Opinjoni Motivata tal-aħħar.*

*Il-Kummissjoni tittama li l-kjarifiki mogħtija fit-tweġiba msemmija hawn fuq se jindirizzaw il-kwistjonijiet imqajjma mill-Kamra tad-Deputati u hija ġerqana biex tkompli dan id-djalogu politiku fil-ġejjieni.*

*Għoddni dejjem tiegħek,*

A handwritten signature in black ink, appearing to read "Maroš Šefcovič".

Maroš Šefcovič  
Viċi President

*Dr Anġlu FARRUGIA  
President tal-Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA CMR 2000*